MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1395/2002

**“A”**
**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, “B”, “C” u l-istess “B” li b’ digriet tas-26 ta’ Dicembru 2002 giet appuntata kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-minuri “D” u “E”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta’ Dicembru 2002 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija omm il-konvenut **“C”**;

Illi fid-9 ta’ Settembru 2000 il-konvenut **“C”** zzewweg lill-konvenuta **“B”** (Dok. “A”);

Illi fis-26 ta' Novembru 2000 twieldu **"D"** u **"E"** kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. "B" u "C");

Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut **"C"** huwa mnizzel bhala l-missier naturali tal-ulied minuri msemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi;

Illi fiz-zmien bejn it-tlitt mitt gurnata u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri msemmija l-konvenut **"C"** kien fl-impossiblita' fizika li jikkoabita mal-konvenuta **"B"** *stante* li fil-fatt huma ma kienux jghixu flimkien f' dak il-perjodu;

Illi ghalhekk jippersistu c-cikostanzi kontemplati fl-**artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-attrici ghandha nteress li tippromwovi din l-azzjoni minhabba fost affarijiet ohra konsiderazzjonijiet ta' wirt;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenuti minuri **"D"** u **"E"** m'humiex l-ulied naturali tal-konvenut **"C"** u dan *okkorrendo* bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri **"D"** u **"E"** billi fejn hemm miktub li isem il-missier huwa **"C"** bid-dettalji tieghu, dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-minuri msemmija huma ta' missier mhux maghruf;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta' Dicembru 2002, fejn talbet bir-rispett li din l-Qorti joghgobha tappunta l-kawza

b’ urgenza u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.
Rat id-digriet datat 9 ta’ Dicembru 2002, fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li lanqas biss kien ghadhom gew appuntati l-kuraturi deputati.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta’ Dicembru 2002, fejn talbet bir-rispett illi din l-Qorti biex joghgobha tappunta kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri **“D”** u **“E”** u jipprotegu l-interessi taghhom fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 9 ta’ Dicembru 2002, fejn gie ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat in-nota ta’ **“B”** 18 ta’ Dicembru 2002, li permezz taghha accettat l-atti tal-Bandu sabiex tirraprezenta lill-minuri **“D”** u **“E”** fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet **““A” vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe”** u fl-atti l-ohra relattivi.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti kkonfermat lill-istess **“B”** bhala kuratrici ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta skond il-ligi datata 10 ta’ Jannar 2003.
Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-28 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta’ Marzu 2003, fejn espona bir-rispett:

1. Illi r-ragel ta’ l-omm stess ghamel id-dikjarazzjoni mitluba fl-Atti tat-Twelid li huwa l-missier tat-trabi u wiehed jipprezumi li kien jaf bit-tqala ta’ l-omm u t-tfal twieldu ferm inqas minn mija u temenin gurnata wara c-celebrazzjoni

taz-zwieg, il-presunzjoni tal-ligi hi li t-tfal huma wild zewgt l-omm skond l-**artikoli 67 u 69 (a) (b) tal-Kodici Civili**;

2. Illi l-esponent mhux edott mill-fatt ta’ l-impossiblita’ ta’ koabitazzjoni bejn l-omm u l-konvenut zewgha u ghalhekk jehtieg prova ta’ l-impossiblita’ fizika ta’ koabitazzjoni;

3. Illi l-kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid numru 4614 u 4615 tas-sena 2000 m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

4. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol. 32.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta **“B”** datata 7 ta’ Marzu 2003 a fol. 35 tal-process, fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi t-tfal minuri **“D”** u **“E”** huma t-tfal naturali tal-eccipjenta u tal-konvenut **“C”** kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-eccipjenta ma toggezzjonax li tigi sottoposta ghat-testijiet genetici necessarji *purche’* hija m’ ghandiex tbati ebda’ spejjez ghal din il-procedura;

3. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 35 u fol. 36.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2003 fejn inghata digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum kull wiehed. Dr David Camilleri talab li jsiru ezamijiet xjentifici ta' DNA fuq l-omm u l-prezunt missier u z-zewgt itrabi. Il-Qorti ordnat komunika ta' dan il-verbal lill-konvenuta **“B”**

b'erbat ijiem ghar-risposta. Dr Roma D'Alessandro irrimettiet ruhha u l-Qorti rriservat li tipprovdi *in camera* fuq it-talba attrici. Aktar tard dehret Dr Ilona Debono li hadet konjizzjoni tal-verbal u qablet li kellhom isiru t-testijiet xjentifici. *In vista* ta' dan il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia a spejjez provizorjament attrici sabiex jaghmel it-testijiet necessarji fuq l-omm, **“C”** u z-zewg minuri sabiex tigi stabbilita’ l-paternita' tal-istess ulied.

Rat in-nota tal-attrici **“A”** datata 28 ta’ Mejju 2003, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u ta’ binha **“C”** li huwa konvenut f’ din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta’ Mejju 2003, a fol. 51 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirrikjama l-kawza ghal data vicina sabiex f’dik id-data jkun jista’ jinhalef ir-rapport ta’ Christopher Farrugia u dan that dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Mejju 2003, a fol. 52, fejn il-Qorti cahdet it-talba *in vista* tan-numru kbir ta’ kawzi pendenti quddiem din il-Qorti.

Rat in-nota tal-konvenuta **“B”** datata 9 ta’ Ottubru 2003 li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia halef ir-rapport.

Rat ir-rapport ta’ Christopher Farrugia minn fol. 56 sa fol. 70.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 10 ta’ Novembru 2003, a fol. 72 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tirrikjama l-kawza fl-ismijiet premessi ghal data vicina u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat l-kawza ghat-2 ta’ Dicembru 2003.

Rat il-verbal datat 2 ta' Dicembru 2003, fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u peress li l-Qorti kienet sprovista mill-process, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 7 ta' Jannar 2004 fejn talbet bir-rispett li din il-Qorti biex joghgobha tirrikjama l-kawza u dan taht il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 9 ta' Jannar 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tiddikjara b' nota fi zmien jumejn xi provi fadillha tressaq.

Rat in-nota tal-attrici li biha ddikjarat li ma fadhliliex provi ohra xi tressaq u rremettit ruhha ghar-rapport tal-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia.

Rat id-digriet datat 2 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-25 ta' Frar 2004.

Rat in-nota tal-attrici datata 29 ta' Jannar 2004, a fol. 81 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta' Frar 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal datat 24 ta' Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Gunju 2004 wara l-10:00am ghall-eskussjoni tal-Perit Xjentifiku.

Rat il-verbal datat 3 ta' Gunju 2004 fejn Christopher Farrugia xehed in eskussjoni.

Rat ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia datata 3 ta' Gunju 2004 minn fol. 92 sa fol. 102.

Rat in-nota tal-Perit Xjentiku Christopher Farrugia datata 8 ta' Gunju 2004, a fol. 103.

Rat il-verbal datat 23 ta' Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat ir-rikors tad-Direttur Registru Pubbliku datat 19 ta' April 2005 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra.

Rat id-digriet datat 20 ta' April 2005 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal datat 20 ta' April 2005 fejn Dr. Ilona Debono ddikjarat li kull ma kien fadlilha kien kontro-ezami ta' **"C"**. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tiffissa tali seduta.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fil-20 ta' Gunju 2005 fejn xehdu **"C"** u **"A"** in kontro-ezami u xehdet **"B"**.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 23 ta' Gunju 2005 fejn talbet umilment biex tirrikjama l-kawza ghal data vicina u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 27 ta' Gunju 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' gimghatejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta **"B"** datata 21 ta' Lulju 2005 a fol. 132 tal-process.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' Lulju 2005 a fol. 133.

Rat id-digriet datat 10 ta' Awissu 2005, fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghat-13 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal datat 13 ta' Ottubru 2005, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tindika taht liema dispozizzjoni tal-ligi ghamlet din il-kawza. Dr David Camilleri kellu jindika l-artikolu fi zmien sebat ijiem. Il-minuri ghandhom hames snin. Dr David Camilleri rrileva li t-talba attrici giet intavolata fuq l-**artikolu 77 tal-Kap 16.** Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' tlettin (30) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet

bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tlettin (30) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota t'osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolo ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 11 ta’ Novembru 2005 minn fol. 138 sa fol. 141.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha **“C”** mhux il-missier naturali ta’ **“D”** u **“E”** li twieldu minn **“B”** fis-26 ta’ Novembru 2000 u li ghalhekk talbet li konsegwentement tordna li fic-certifikat tat-Twelid taghhom li jgibu n-numru 4614/2000 u 4615/2000 rispettivament issir korrezzjoni biex tirrispekja tali dikjarazzjoni.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*“Il-legittima’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien il-boghod minnha”.*

Illi l-fatt li l-attrici qed tippretendi li binha **“C”** ma huwiex il-missier tal-minuri ndikati fic-citazzjoni attrici, jindika fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li n-nanna tal-minuri ghandha

interess li taghmel din il-kawza, pero` qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

***"(1)*** *Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.*

***(2)*** *Hekk ukoll, hadd ma jista' jattaka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima` tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (F.G. C.) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … … …". " Egli ha osservato esistere nell' ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il-padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il-matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76**).**

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittenta mill-attrici hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita` ta' l-ulied u cioe`:-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita*` a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**sub-artikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel jew tifla *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propositu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita` hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta` fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*“Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita` tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta` fisika ma tirrizultaliex; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu”*

Illi f’kaz maghmul a bazi ta’ din l-azzjoni fis-sentenza **“Walter Ahar nomine vs Pio Micallef”** (P.A. (A.J.M.) 21 ta’ Frar 1996) inghad illi *“minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta’ omm it-tarbija kien presenti Malta u kellu il-possibbilta` li jkollu relazzjoni ma’ martu, ma ghandu jkun ta’ ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita` tal-missier naturali tal-istess attur”.*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*“Il-legittimita` ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f’impossibbilta` li jghammar ma’ martu minhabba li kien il-boghod minnha”.*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta’ impunjazzjoni ta’ legittimita` hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel. Ghall-dak li jirrigwarda l-azzjoni odjerna l-attrici bhala n-nanna paterna ta’ l-istess ulied hija persuna li skond il-ligi ghandha interess dwar il-kwistjoni llum sollevata tal-legittimita’ ta’ l-imsemmija minuri.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita` lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita` jew anke kontestata l-legittimita` ta’ l-imsemmija wlied tal-konvenuta **“B”**.

Illi pero` fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta’ iben legittimu ma jista

jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi il-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita` haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikolu 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta`

fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti il-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … … u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ippruvata l-impossibbilta` fizika indikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid <u>jew</u> ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-koppja **"C"** u l-konvenuta **"B"** zzewgu fid-9 ta' Settembru 2000 u l-konvenuta kellha tewmien fis-26 ta' Novembru 2000. L-istess ragel tal-konvenuta gie ndikat fiz-zewg certifikati bhala missier ta' l-istess minuri u dan kif jidher mic-certifikati relattivi tat-twelid ta' l-imsemmija wlied tal-kontendenti. Illi skond il-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrizulta li kien il-konvenut stess **"C"** li ghamel tali dikjarazzjoni sabiex sar ic-certifkat tat-twelid ta' l-istess minuri u dan jirrizulta

mid-dikjarazzjoni ta’ l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, dikjarazzjoni li qatt ma’ giet kontestata.

Illi omm l-istess ulied insistiet li l-istess tfal huma wlied naturali ta' l-imsemmi konvenut **“C”**, li minn naha tieghu baqa’ kontumaci u ma’ pprezenta l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenut kellu relazzjoni mal-konvenuta qabel iz-zwieg u jidher li kien hemm anke relazzjoni intima bejn it-tnejn. Jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta harget tqila u l-istess koppja **“C”** u **“B”** ghamlu l-preparamenti biex jizzewgu u fil-fatt dan iz-zwieg sehh meta l-istess konvenuta kellha gja sitt xhur tqila u jidher li ghalkemm il-koppja kellha problemi fiz-zwieg l-istess konvenut qatt ma’ cahad li dawn kienu wliedu u ma’ hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-istess ulied kellhom stat ta’ iben legittimu.

Illi dan kollu jirrizulta b’mod inkonfutabbli u dan minkejja l-allegazzjoni tal-konvenut u l-attrici ommha permezz ta’ din l-kawza, li fiha qed lum jakkuzaw lill-konvenuta li kellha relazzjoni ma’ ragel iehor – pero’ xorta jibqa’ l-fatt li l-istess ulied ghandhom stat ta’ tfal legittimi u dan huwa ta’ ostakolu serju sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi. Fil-fatt l-istess
konvenut jghid li huwa qatt ma’ qajjem l-ebda suspett fuq il-legittimita’ tal-wild ta’ martu anke peress li huwa kien ihobb lill-konvenuta **“B”**. Fil-fatt l-istess konvenut jammetti fil-kontro-ezami li sar lilu fl-20 ta’ Gunju 2005 li huwa kien imur ghall-visti tat-tabib maghha, u meta twieldu kien jiehu hsiebhom ukoll. Jidher li huwa stess jammetti li mhux hekk biss ghamel izda meta l-koppja sseparat *de facto* huwa stess kien talab b’rikors il-Qorti sabiex jara lill-minuri li huwa stess kien jikkonsidra bhala uliedu. Kien biss wara li gie orndat li jhallas manteniment ghall-istess minuri li huwa beda jinsisti li jsiru testijiet xjentifici fuq il-minuri u dan anke fuq insistenza ta’ ommu stess, li sa’ dakinhar dejjem agixxiet bhala nanna ghall-istess minuri. Din ammettietu l-attrici stess sahansitra fix-xhieda taghha, ghalkemm jidher li kienet hija li wara li z-zwieg ta’ binha sfaxxa, bdiet tqajjem suspetti fuq il-legittimita’ tat-twelid ta’

l-istess minuri u dan sehh wara li binha gie ordnat ihallas manteniment ghall-istess ulied. Fil-fatt hija sinfikanti l-ittra li l-attrici stess kitbet lil binha, tali ittra datata 8 ta' Dicembru 2000 (Dok. "DV 2" – fol. 123 – 126) fejn l-istess attrici tikteb lill binha, l-konvenut odjern, hekk:-

*"Smajt u fimt tersaqx id-dar u l-anqas il-forn. Hu hsieb dawk it-tfal.* ***"C"*** *ghozzhim m'hemmx rigal isbah minn uliedhek – la il-hbieb u l-anqas il-flus ma igubulhek il-ferh u l-ghaqda u li inti tixtieq li ikollhok……...*"

Illi dan huwa konfrmi mal-fatt li mat-twelid tal-istess trabi dawn gew registrati bhala ulied il-konvenut **"C"** u dan minnu stess kif jidher mic-certifikati tat-twelid Registrazzjoni Numru 4615/2000 u 4614/2000 tal-istess **"E"** u **"D"** esebit a fol. 6 u 7 tal-process. Illi mill-provi kollha prodotti mill-partijiet fl-kawza jirrizulta li l-istess tfal kienu dejjem maghrufa mit-twelid taghhom sallum bhala ulied l-istess **"C"** u kienu hekk maghrfa fl-isptar, u fl-ambjenti kollha minnhom frekwentati bhala tali.

Illi rrizulta ukoll li anke wara t-twelid taghhom l-istess minuri kienu dejjem meqjusa bhala ulied l-istess **"C"**, kienu jghixu mieghu sakemm huwa ssepara minn ommhom, u wkoll kien imantnihom u b'digrieti tal-Qorti ghad ghandu obbligu ta' manteniment ghall-istess. Fil-fatt l-istess konvenut innifsu minkejja dak li jghid illum fl-azzjoni odjerna lanqas huwa stess ma' ghamel l-azzjoni ta' *denegata' paternita'* ghal dak li jallega li sehh qabel iz-zwieg tieghu –anzi huwa stess ghazel li jizzewwweg lill-konvenuta **"B"** u dejjem ikkonsidra l-istess ulied bhala tieghu.

Illi minn dan kollu jirrizulta li mhux biss l-istess minuri ghandhom stat ta' legittimu fic-certifikat tat-twelid taghhom izda wkoll kienu dejjem maghrufa bhala ulied l-istess konvenut **"C"**, u gabu bhala l-kunjom taghhom dak tal-istess konvenut, li ttrattahom bhala uliedu u ghalhekk l-istess minuri ghandhom wkoll il-pussess kontinwu ta' l-istat ta' iben legittimu.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et”** (P.A. l-1 ta’ Marzu 2001 - Cit. Nru: 1841/98/RCP),:-

*“Illi fl-isfond ta’ dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-ewwel ostakolu ghall-azzjoni attrici ma giex eliminat ghaliex la darba hemm l-att ta’ twelid imnizzel fir-Registru Pubbliku ai termini tal-**artikolu 78,** u la darba l-istess minuri ghandu l-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu ai termini tal-**artikolu 80 tal-Kap.16,** mela allura l-ebda azzjoni u konsegwetement l-ebda prova ma hija ammissibbli sabiex tattakka l-istess stat ta’ iben legittimu tal-istess minuri ai termini tal-**art. 81** tal-istess Kap.16, lanqas ta’ ezamijiet medici kif proposti mill-istess attur.”*

Illi in effetti dan jirrizulta mid-dicitura tassattiva tal-istess **artikolu 81,** li ma jhalli lok ghall-ebda dubju jew eccezzjoni dwar l-istess, u ghalhekk a bazi ta’ dan l-azzjoni attrici kif proposta hija wkoll inammissibbli.

Illi dan huwa fih innifsu bizzejjed sabiex l-azzjoni attrici tigi michuda, imma jirrizulta wkoll li l-azzjoni attrici jekk tigi ezaminata biss skond ir-rekwiziti ndikati fl-**artikolu 77 tal-Kap 16** tali azzjoni xorta ma tistax tirnexxi u dan ghaliex l-attrici bl-ebda mod ma pprovat li *“fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien ‘il boghod minnha.”*

Illi anzi rrizulta ppruvat mill-ammissjoni ta’ **“B”** u ta’ l-istess **“C”** li fit-termini fuq indikati certament ma’ kienx hemm l-impossibilita’ fizika indikata fl-istess artikolu, anzi l-istess konvenut jammetti li kellu relazzjoni intima mal-konvenuta, filwaqt li l-konvenuta baqghet dejjem tinsisti li relazzjonijiet intimi kellha biss ma’ l-istess konvenut **“C”**. Dwar il-punt li l-partijiet kellhom relazzjoni intimi fil-perjodu indikat fl-artikolu fuq citat ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jidher car li fid-dawl ta’ dan kollu u fil-kuntest ta’ l-**artikolu 77** certament ma gietx ippruvata li *“ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma’ martu*

*minhabba li kien boghod minnha."* Anzi *in verita'* gie ppruvat konkludentement il-kuntrarju ghax kemm il-konvenuta u kemm il-konvenut **"C"** kkonfermaw li meta t-tfal gew koncepiti hija kellha x'taqsam ma' l-istess **"C"**.

Illi huwa wkoll opportun li hawn issir referenza ghal dak li inghad mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Raymond Magro et vs Rita Magro et"** (A.C. (VGD) (AD) (AJM) – 13 ta' Gunju 2006) ghal dak li ghandha tfisser il-frasi *"impossibilita' fisika"* u ghalhekk f'dan il-kuntest huwa tassew difficli biex wiehed jifhem kif qatt l-azzjoni attrici, bid-disposizzjoni tal-ligi hekk citata u *in vista* tal-gurisprudenza ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-appell, tista' qatt tirnexxi.

Illi dan huwa wkoll konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenza **"John Scicluna vs Sharon mart James Buhagiar et"** (P.A. (G.V.) 7 ta' Novembru 1995) fejn gie kkonfermat li l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** *"hija moghtija lil kull min ikollu interessi fil-kaz biss fejn din il-persuna tista' tipprova li fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha."*

Illi dan huwa konformi mal-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** dwar il-kuncett ta' *"impossibbilta` fizika"* hemm indikata, fejn wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19/11/97) fejn inghad li *"l-impossibbilta" fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet teffettwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija." (**"Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"**).*

Illi kif din il-Qorti tenniet fi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et"** (*supra citata*) u **"Martin Gaffarena vs Doreen Zammit et"** (P.A. (RCP) – 26 ta' Gunju 2003):-

*"Illi in effetti din il-prova skond l-**artikolu 77** trid issir 'sine qua non' sabiex l-azzjoni a bazi tal-istess artikolu jkollha success, u dan indipendentement minn kull test mediku kwalunkwe u dan ghaliex l-istess artikolu ma jammetti l-*

*ebda eccezzjoni ….”(****“Paul Bugeja vs George Portelli”*** *– A.C. 28 ta’ Frar 1997).”*

Illi ghal kompletezza nghad li t-talba attrici kienet tinkludi talba sabiex issir kull procedura u f’dan il-kuntest l-attrici tirreferi ghal-ezamijiet tad-DNA. F’dan il-kuntest jinghad li sa certu punt dan *ormai* huwa mmaterjali ghall-kawza odjerna, u dan peress illi l-attrici ma nrexxielhiex tipprova li l-konvenut **“C”**, r-ragel tal-konvenuta **“B”** kien f’impossibbilta` fisika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha, u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 77** ma gewx sodisfatti.

Illi hija wkoll superfluwa tali domanda peress li kif inghad, il-minuri mertu tal-kawza odjerna ghandhom l-istat ta’ iben legittimu skond il-kriterji stabbiliti fl-**artikolu 80** u allura japplika dak dispost fl-**artikolu 81 tal-Kap 16**, li jinnewtralizza ghal kollox l-azzjoni bbazata fuq l-**artikolu 77** imsemmi.

Illi ghalhekk minhabba l-istat tal-ligi u minkejja r-rapport xjentifiku tal-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia datat 4 ta’ Ottubru 2003 u li jinsab esebit a fol. 56 *et sequitur* tal-process, it-talbiet attrici xorta wahda ma jistghux jigu jigu milqugha u hawn din il-Qorti terga’ tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kaz gja citat **“Raymond Magro et vs Rita Magro et”** (A.C. 13 ta’ Gunju 2005 ) fejn inghad illi:-

*“….fil-kuntest ta’ l-azzjoni ta’ impunjazzjoni ta’ filjazzjoni taht l-****Artikolu 77****, ma hemmx dubju minn qari tad-disposizzjonijiet kollha rilevanti illi l-legistlatur ma riedx li l-prova genetka wahedha tkun sufficjenti biex teskludi l-paternita’, minghajr il-htiega li jigu ppruvati r-rekwiziti l-ohra kollha rikjesti mill-ligi. Kieku din kienet ir-rieda tal-legistlatur dan kien jghidu espressament. Minflok il-legistlatur ghazel li t-testijiet genetici ikunu rikonoxxuti biss bhala prova – forsi anki wahda mill-iktar importanti – flimkien mal-provi l-ohra prodotti biex jissustanzjaw l-elementi l-ohra ta’ wahda jew iktar ipotesijiet kontemplati mil-ligi……..”*

Ill hawn l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irreferiet ghad-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet “**Paul Bugeja vs George Portelli”** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) – 28 ta’ Frar 1997 – Vol. LXXXI.II.367) fejn inghad li:-

*“F’din is-sede m’humiex konsentiti interpretazzjonijiet azzardati jew originali li jmorru lill’hinn minn dak li l-Kodici Civili jipprovdi kemm fir-rigward tal-kelma kif ukoll l-ispirtu tal-provedimenti tieghu... (L)-ebda Qorti ma’ ghandha l-liberta’ li tiddelibera fuq materja ta’ paternita’ b’xi sens ta’ ekwita’ jew anke gustizzja li jmur oltre dak li l-ligi strettament tipprovdi. L-interess suprem tal-minuri hu dak li l-ligi tigi strettament u skrupolozament applikata ghax hekk biss tigi assigurata c-certezza ta’ l-istat civili tieghu…..anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument, u ghall-grazzja ta’ l-argument biss……………………...l-atturi fil-kaz odjern jirnexxilhom igibu l-prova genetika li t-tfal minuri de quo ma humiex ulied l-attur……, huma xorta jridu jippruvaw sal-grad rikjest f’kawza civili, li l-attur……kien f’impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu kontemplat fl-***Artikolu 77** *fis-sens li dik l-impossibilita’ giet interpretata fil-kazistika u fid-duttrina……..”* Tali impossibilita’ giet deskritta bhala li ghandha tkun wahda *“fizika, assoluta u materjali, li jghammar ma’ martu, kif fuq spjegat”.*

Illi abbazi ta’ din il-gurisprudenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell u fuq il-provi prodotti din il-kawza qed tigi wkoll michuda b’dan li jinghad li hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li f’kazi fejn ikun mehtieg xi ezami xjentifiku ta’ DNA hemm bzonn ta’ introduzzjoni ta’ regoli legislattivi *ad hoc* sabiex jigi kkontrollat u regolat kull process tat-tehid tas-*samples* u sabiex ikun regolat ukoll il-mod li jsiru t-testijiet xjentifici fuqhom u dan sabiex tigi assigurata t-trasparenza f’tali ezamijiet, punt li gie mqajjem mid-difensuri tal-konvenuta Vella f’din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet

tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta **“B”** biss in kwantu l-istess eccezzjonijiet huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-kuntumacja tal-konvenut **“C”**, **tichad it-talbiet attrici kif proposti peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------